VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,934, 12 ta' Jannar, 2018
Taqsima B

A.L. 16 tal-2018

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 65.18.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat fl-intier tiegħu mill-ġdid bħala r-regolament 2(1) u minnufih wara għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu s-segwenti:

(a) id-Direttiva 2002/24/KE tfisser id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlietroti;

(b) id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzi tas-sewqan, kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/113/KE tal-25 ta' Awissu, 2009;

(ċ) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/94/UE tat-tat-28 ta' Novembru 2011 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan;

(d) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/36/UE tad-

19 ta’ Novembru, 2012, li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan;

(e) id-Direttiva tal-Kunsill 2013/22/UE tat-13 ta’ Mejju 2013, li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-politika dwar it-trasport, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja;

(f) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/47/UE tat-2 ta' Ottubru, 2013, li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan;

(g) id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/85/UE tal-1 ta’ Lulju, 2014 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan;

(h) id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/653 tal-24 ta’ April, 2015 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan; u

(i) id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/1106 tas-7 ta’ Lulju 2016 li temenda d-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liċenzji tas-sewqan".

Jemenda t-Tmien Skeda tar-regolamenti prinċipali.

3. It-Tmien Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partita 5 tagħha, bl-intestatura ‘Mard Kardjovaskulari’, għandha tiġi sostitwita b’dan li gej:

"Il-kundizzjonijiet jew il-mard kardjovaskulari jistgħu jwasslu għal indeboliment instantanju tal-funzjonijiet ċelebrali li jsarrfu f'periklu għas-sikurezza stradali. Dawn il-kundizzjonijiet jikkostitwixxu bażi biex jiġu stabbiliti restrizzjonijiet temporanji jew permanenti għas-sewqan.

5.1. Għall-kundizzjonijiet kardjovaskolari li ġejjin, il-liċenzji tas-sewqan jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu għal applikanti jew sewwieqa fil-gruppi indikati, biss wara li din il-kundizzjoni tkun ġiet trattata effettivament u soġġett għal awtorizzazzjoni medika kompetenti u jekk xieraq, valutazzjoni medika regolari:

(a) Grupp 1

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) il-bradikardji (marda tan-nodolu tas-sinus u disturbi fil-konduzzjoni) u t-takikardji (aritmiji supraventrikulari u ventrikulari) b'passat ta' sinkope jew ta' episodji sinkopaċi b'riżultat tal-kundizzjonijiet aritmiċi;

(ii) takikardja (aritmiji supraventrikulari u ventrikulari) b' mard tal-qalb strutturali u takikardja ventrikulari (VT) sostnuta;

(iii) sintomatiku ta' anġina;

(iv) impjantazzjoni jew tibdil ta' defibrillatur jew xokk b'defibrillatur xieraq jew mhux xieraq;

(v) sinkope (telfien mis-sensi transjenti u ton posturali, ikkaratterizzat minn effetti mgħaġġla, durazzjoni qasira, u rkupru spontanju, b'riżultat ta' iperperfużjoni ċerebrali globali, minn oriġini tar-rifless preżunta, minn kawża mhux magħrufa, mingħajr l-ebda evidenza ta' marda tal-qalb li hi l-kaġun ta' dan);

(vi) sindromu koronarju akut;

(vii) anġina stabbli jekk is-sintomi ma jseħħux b'eżerċizzju ħafif;

(viii) intervent koronarju perkutanju (PCI);

(ix) kirurġija ta' trapjant ta' bypass fl-arterja koronarja (CABG);

(x) puplesija/attakk iskemiku transjenti (TIA);

(xi) attakk tal-qalb: *New York Heart Association* (NYHA) I, II, III;

(xii) trapjant tal-qalb;

(xiii) tagħmir għall-assistenza kardijaka;

(xiv) kirurġija valvolari tal-qalb;

(xv) ipertensjoni dannuża (żieda fil-pressjoni tad-demm sistolika ≥ 180 mmHg jew pressjoni tad-demm dijastolika ≥ 110 mmHg assoċjata ma' ħsara progressiva jew imminenti fl-organi);

(xvi) mard tal-qalb konġenitali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(xvii) kardjomjopatija ipertrofika jekk mingħajr sinkope;

(xviii) sindromu ta' QT twila b'sinkope, *Torsade des Pointes* jew QTc > 500 ms;

(b) *Grupp 2*

(i) il-bradikardji (marda tan-nodolu tas-sinus u disturbi fil-konduzzjoni) u t-takikardji (aritmiji supraventrikulari u ventrikulari) b'passat ta' sinkope jew ta' episodji sinkopaċi b'riżultat tal-kundizzjonijiet aritmiċi;

(ii) il-bradikardji: marda tan-nodu tas-sinus u disturbi fil-konduzzjoni bi blukkar atrijuventrikolari (AV) tat-tieni grad Mobitz II, blukkar AV tat-tielet grad jew blukkar tal-fergħa li jalterna;

(iii) takikardja (aritmiji supraventrikulari u ventrikulari) b'mard tal-qalb strutturali u takikardja ventrikulari (VT) sostnuta, jew polimorfika mhux sostnuta (VT), takikardja ventrikulari sostnuta jew b'indikazzjoni għal defibrillatur;

(iv) sintomatiku ta' anġina;

(v) impjantazzjoni jew tibdil ta' pacemaker permanenti;

(vi) sinkope (telfien mis-sensi transjenti u ton posturali, ikkaratterizzat minn effetti mgħaġġla, durazzjoni qasira, u rkupru spontanju, b'riżultat ta' iperperfużjoni ċerebrali globali, minn oriġini tar-rifless preżunta, minn kawża mhux magħrufa, mingħajr l-ebda evidenza ta' marda tal-qalb li hi l-kaġun ta' dan);

(vii) sindromu koronarju akut;

(viii) anġina stabbli jekk is-sintomi ma jseħħux b'eżerċizzju ħafif;

(ix) intervent koronarju perkutanju (PCI);

(x) kirurġija ta' trapjant ta' bypass fl-arterja koronarja (CABG);

(xi) puplesija/attakk iskemiku transjenti (TIA);

(xii) stenożi karotide tal-arterja sinifikanti;

(xiii) dijametru massimu tal-aorta li jaqbeż il-5.5cm;

(xiv) attakk tal-qalb: NYHA I u II kemm-il darba l-frazzjoni ta' ħruġ mill-ventrikular tax-xellug tkun minn tal-inqas 35%;

(xv) trapjant tal-qalb;

(xvi) kirurġija valvolari tal-qalb;

(xvii) ipertensjoni dannuża (żjieda fil-pressjoni tad-demm sistolika ≥ 180 mmHg jew pressjoni tad-demm dijastolika ≥ 110 mmHg assoċjata ma' ħsara progressiva jew imminenti fl-organi);

(xviii) il-pressjoni tad-demm tal-grad III (pressjoni tad-demm dijastolika ≥ 110 mmHg u/jew pressjoni tad-demm sistolika ≥ 180 mmHg) (japplika biss għall-Grupp 2);

(xix) mard tal-qalb konġenitali.

5.2. Għall-kundizzjonijiet kardjovaskulari li ġejjin, il-liċenzi tas-sewqan ma għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu fil-gruppi indikati:

(a) Grupp 1

(i) mard vaskulari periferiku — anewriżma aortika torakika u abdominali meta d-dijametru massimu aortiku jkun tali li jippredisponi għal riskju sinifikanti ta' tiċrita f'salt u b'hekk għal avveniment diżabilitanti f'salt;

(ii) attakk tal-qalb: NYHA IV;

(iii) mard tal-qalb valvolari ma' rifluss aortiku, stenożi aortika, rifluss mitrali jew stenożi mitrali jekk l-abbiltà funzjonanti tkun stmata li hi NYHA IV jew jekk kien hemm episodji sinkopaċi;

(iv) sindromu ta' Brugada b'sinkope jew mewt kardijaka f'salt abortita.

(b) Grupp 2

(i) impjant ta' difibrillatur;

(ii) mard vaskulari periferiku — anewriżma aortika torakika u abdominali meta d-dijametru massimu aortiku jkun tali li jippredisponi għal riskju sinifikanti ta' tiċrita f'salt u b'hekk għal avveniment diżabilitanti f'salt;

(iii) attakk tal-qalb: NYHA III u IV;

(iv) tagħmir għall-assistenza kardijaka;

(v) mard tal-qalb valvolari f'NHYA III jew IV jew bi frazzjoni ta' ħruġ (EF) taħt il-35%, stenożi mitrali u ipertensjoni pulmonari severa jew bi stenożi aortika ekokardjografika severa jew stenożi aortika li twassal għal sinkope; għajr għal stenożi aortika severa kompletament asintomatika jekk jintlaħqu r-rekwiżiti tat-test tat-tolleranza tal-eżerċizzju;

(vi) kardjomijopatiji strutturali u elettriċi — kardjomijopatija ipertrofika b'passat ta' sinkope jew meta jkunu preżenti żewġ kundizzjonijiet jew iktar minn dawn: il-ħxuna tal-ħajt tal-ventriku tax-xellug (LV) > 3 cm, takikardja ventrikulari mhux sostnuta, passat fil-familja ta' mewt zoptu, (f'qarib tal-ewwel grad), l-ebda żjieda ta' pressjoni tad-demm bl-eżerċizzju;

(vii) sindromu ta' QT twila b'sinkope, *Torsade des Pointes* u QTc > 500 ms;

(viii) sindromu ta' Brugada b'sinkope jew mewt kardijaka f'salt abortita.

Il-liċenzji tas-sewqan jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu f'każijiet eċċezzjonali, sakemm dan jiġi ġustifikat minn opinjoni medika kompetenti u soġġett għal valutazzjoni medika regolari biex ikun żgurat li l-persuna tkun għadha kapaċi ssuq il-vettura b'mod sikur meta jitqiesu l-effetti tal-kundizzjoni medika.

Kardjomijopatiji oħra

5.3 Ir-riskju ta' avvenimenti f'salt diżabilitanti għandu jiġi evalwat f'applikanti jew sewwieqa b'kardjomijopatiji deskritti sew (pereżempju kardjomijopatija aritmoġenika fil-ventriku tal-lemin, kardjomijopatija mingħajr kompazzjoni, takikardja ventrikulari polimorfika katekolaminerġika u sindromu ta' QT qasira) jew b'kardjomijopatiji ġodda li jistgħu jiġu skoperti. Hija meħtieġa evalwazzjoni bir-reqqa minn speċjalista. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-elementi prognastiċi tal-kardjomijopatija partikulari.

VERŻJONI ELETTRONIKA

5.4. l-Awtorità għandu jkollha d-dritt li tillimita l-ħruġ jew it-tiġdid tal-liċenzi tas-sewqan għal applikanti jew sewwieqa b'mard kardjovaskulari ieħor."; u

(b) il-paragrafu (ii) tal-Grupp 1 tal-partita 6 tagħha, taħt l-intestatura "*Djabete Mellitus*", għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) Applikant jew sewwieq b'djabete trattata b'mediċina li għandha r-riskju li twassal għall-ipogliċemija għandu juri għarfien tar-riskju tal-ipogliċemija u kontroll xieraq tal-kundizzjoni. Ma għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzi tas-sewqan lil applikanti jew sewwieqa li għandhom għarfien mhux xieraq tal-ipogliċemija. Ma għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzi tas-sewqan lil applikanti jew sewwieqa li għandhom ipogliċemija severa rikorrenti, sakemm mhux bl-appoġġ ta' opinjoni medika kompetenti u valutazzjoni medika regolari. Ma għandhiex tinħareġ jew tiġġedded liċenza f'każ ta' ipogliċemiji severi rikorrenti waqt li wieħed ikun imqajjem, sa 3 xhur mill-aħħar episodju. Il-liċenzi tas-sewqan jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu f'każijiet eċċezzjonali, sakemm dan ikun debitament ġustifikat minn opinjoni medika kompetenti u soġġett għal valutazzjoni medika regolari biex ikun żgurat li l-persuna tkun għadha kapaċi ssuq il-vettura b'mod sikur meta jitqiesu l-effetti tal-kundizzjoni medika.".